# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.8

**Kap 6: Ġesù qam tassew**

**Lezzjoni 6.8 - U raw il-ġebla mgerrba... u l-qabar vojt**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

- jiddiskutu l-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù;
- janalizzaw l-qawwa ta' Ġesù li permezz tagħha qam mill-mewt;
- iqabblu l-ferħ tagħhom mal-ferħ ta' dawk li rawh u għexu miegħu;
- jitgħallmu kif jistgħu juru l-qawmien ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- He is Risen

  https://www.youtube.com/watch?v=ajbQxe3lgWA
- Song : Hallejah Praise The Lord

  https://www.youtube.com/watch?v=8pbNBKK2jA0
- Song: Never Give Up
- https://www.youtube.com/watch?v=15R6SNZ-K1g
- Song - Because He Lives I can face tomorrow

  https://www.youtube.com/watch?v=4M-zwE33zHA&list=RD4M-zwE33zHA&index=1
- Karta ta' Taħriġ 6.6 (mill-Ktieb)
- Vanġelu San Luqa - Il-Qawmien ta' Ġesù

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar lit-tfal fil-video tal-ġurnata ta' qabel. Tista' terġa' turih.
- Islet minnhom stess il-bżonn li għandna ngħinu lil xulxin kemm nistgħu.
- Stieden lit-tfal biex bħala klassi tmorru żżuru xi dar tal-anzjani jew xi dar tat-tfal għax b'dan ikunu qed jgħinu u juru li jħobbu lil xulxin.
- Spjega: Wara li Ġesù ndifen, xi nisa li kienu qrib ta' Ġesù kien bi ħsiebhom jieħdu xi fwejjaħ u dlik fil-qabar il-Ħadd filgħodu kmieni. Dan ma setgħux jagħmluh fil-jum tas-Sibt għax kienu jmorru kontra d-drawwa tagħhom tal-Lhud. Araw x'ġara meta sebaħ il-Ħadd filgħodu...
- Uri l-videoclip *He is Risen.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega: Ġesù deher l-ewwel lill-Madaliena. Din m'għarfitux. Għarfitu biss meta Ġesù sejħilha b'isimha. Ġesù jaf lil kull wieħed u waħda minna. Anke meta aħna nitbiegħdu minnu Hu jibqa' jiġri warajna u jsejħilna b'isimna. X'ħin għarfet lil Ġesu' Rxoxt, il-Madaliena marret tiġri tgħid lid-dixxipli. Aħna lesti biex bħal Madaliena nxandru lil Ġesu lil l-oħrajn? Ara x'iwieġbu t-tfal.
- X'ħin deher lill-Appostli Ġesù sellmilhom u qalilhom "Is-Sliem għalikom." Ma qagħadx isemmilhom kif kienu telquh fil-Passjoni. Hekk jagħmel magħna Ġesù. Jinsa li nkunu weġġajnieh u jagħmel minn kollox biex nibqgħu ħbieb miegħu.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-attivitjiet 6.6 u wara li taqra s-silta mogħtija, aqra s-silta mill-Vanġelu ta' San Luqa dwar il-Qawmien ta' Ġesù.
- Stieden lit-tfal ipoġġu l-ġrajja tal-Qawmien fl-ordni li seħħet.
- Spjega Attività 2 u għin lit-tfal jagħżlu u jpinġu dawk li jgħoddu ma' Ġesù Rebbieħ.
- Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li nġibu dejjem il-paċi bejnietna.
- Agħlaq b'talba addattata.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Żewġ anġli qalu lin-nisa li Ġesù kien qam.
2. Meta d-dixxipli ndunaw li l-Imgħallem tagħhom kien qam tassew mill-mewt riedu jtiru bil-ferħ.
3. Huma ġrew lura biex jgħidu lil-appostli.
4. Meta Ġesù qam mill-mewt, hu wriena li t-tajjeb huwa aqwa mill-ħażin.
5. Ġesù qam mill-mewt biex jurina li aħna, wara din il-ħajja, nistgħu mmorru l-ġenna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li għandhom ħafna għal qalbhom il-ferħ u l-paċi u allura jaħdmu biex iġibu l-ferħ u jkunu strumenti ta' paċoi kull fejn ikunu.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- He is Risen - https://www.youtube.com/watch?v=ajbQxe3lgWA
- Song : Hallejah Praise The Lord
  https://www.youtube.com/watch?v=8pbNBKK2jA0
- Song: Never Give Up
  https://www.youtube.com/watch?v=15R6SNZ-K1g
- Song - Because He Lives I can face tomorrow
  https://www.youtube.com/watch?v=4M-zwE33zHA&list=RD4M-zwE33zHA&index=1



**Nitolbu**

Ġesù, meta qomt mill-mewt int tajtna tama ġdida għax irbaħt il-ħażin biex it-tajjeb jibqa' jgħix. Grazzi, Ġesì, ta' dan il-ferħ ġdid li int poġġejt f'qalbi.

